MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2001

Rikors Numru. 4/1994/1

Rikors Nru 4/94DM

Kummissarju tal-Artijiet

vs

Maria Stivala

Il-Bord,

Ra ir-rikors tal-Kummissarju tal-Art li permezz tieghu, wara li ppremetta:-

Illi b'ittra ufficjali tat-23 ta Novembru 1993 l-intimata giet notifikata b'kopja ta' Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta fejn fost affarijiet ohra gie dikjarat li bicca art fin-Naxxar tal-kejl ta' 278 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana f'parti ma proprjeta' tas-Sur John Stivala u f'parti ma proprjeta' tas-Sinjura Maria Vella, mil-Lvant ma proprjeta tas-Sur

John Stivala u minn-Nofsinhar ma Triq pubblika u hija ndikata bhala item nru 6 fl-imsemmija dikjarazzjoni, hija mehtiega ghal Skopijiet Pubblici u li l-akkwist taghha ghandu jkun b'xiri assolut.

Illi l-intimata giet ukoll notifikata b'Avviz ghall-Ftehim fejn giet infurmata li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art fuq imsemmija huwa ta' elfejn, mija u tnax il-Lira Maltin u tmenin centezmi (LM2112.80), kif jidher mir-rapport tal-Perit A. Briffa A & CE tal-10 ta Marzu 1987 li kopja tieghu qieghda annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tal-15 ta Dicembru 1993, l-intimata, fost affarijiet ohra, ddikjarat li ma taccettax il-kumpens offert u talbet li dan il-kumpens ghandhu jkun ta LM10,000.

TALAB li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimata biex tittrasferixxi a favur tar-rikkorrenti b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fin-Naxxar fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-nutar Vicent Miceli bhala nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku, biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dana l-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonjiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal skopijiet Pubblici (Kap. 88).

Ra ir-risposta tal-intimata fejn eccepiet:

1. Illi ghandhu jigi nnotat li fl-ittra ufficjali responsiva taghha tal-15 ta Dicembru 1993 hija talbet li l-kumpens ghal-art kollha li qed tintalab l-espropriazzjoni taghha jkun ta LM15,000 u mhux LM10,000.

2. Illi l-esponenti semmiet is-somma ta LM10,000 jekk kemm il-darba l-Kummissarju tal-Artijiet jirrilaxxja l-parti tal-art li ma gietx utilizzata u tinsab fejn hemm lotto office kompriza l-arja tal-istess lotto office.

Ra li d-dikjarazzjoni tal-President tar-Repubblika u l-Avviz ghall-Ftehim gew regolarment notifikati.

Semgha ix-xhieda kollha li gew prodotti;

Ra l-atti kollha tal-procediment u d-dokumenti esebiti;

Semgha l-Avukati;

Ra n-nota tar-rikorrent a fol. 46 tal-process fejn irriduca t-talba tieghu ghall-akkwist ta:

(a) Bicca art tal-kejl ta 75 metri kwadri cirka sa gholi ta tlettax il-filata mill-livell tat-triq, li tmiss mit-Tramuntana ma proprjeta' tas-Sur John Stivala, minn-Nofs inhar ma 21st September Avenue u mil-Lvant ma Triq Hal Dghejf murija bl-isfar u bhala Plot **6C** fuq il-pjanta **LD20A/87/2**; u
(b) Bicca art tal-kejl ta 137 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana ma proprjeta' ta Maria Vella, minn-Nofs inhar ma 21st September Avenue u mil-Lvant ma proprjeta' a John Stivala, murija bl-ahmar u bhala Plot **6D** fuq il-pjanta **LD20A/87/2**

Ra n-nota tar-rikorrent tal-1 ta Gunju 2000 ( a fol. 68) fejn giet indikata il-parti mill-art li giet rilaxxjata mir-rikorrent favur l-intimata. U

Ikkunsidra:

Illi skond ir-relazzjoni tal-periti assessuri, hawn annessa, wara li gew mehuda in konsiderazzjoni l-fatturi kollha li jinfluwixxu fuq ix-xiri assolut kif regolat mill-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet ghall-Skopijiet pubblici, jistma l-bicciet art fil-limiti tan-Naxxar, indikati fin-nota tar-rikorrent a fol. 46 u kif deskritti fl-istess rapport tal-membri teknici, bhala libera u franka, fis-somma ta elfejn erba mija u hamsin liri Maltin (LM2450).

Ghaldaqstant, jilqa' t-talbiet dedotti fir-rikors, u jordna favur ir-rikorrenti it-trasferiment b'titolu ta' xiri assolut tal-imsemmija:

(a) Bicca art tal-kejl ta 75 metri kwadri cirka sa gholi ta tlettax il-filata mill-livell tat-triq, li tmiss mit-Tramuntana ma proprjeta' tas-Sur John Stivala, minn-Nofs inhar ma 21st September Avenue u mil-Lvant ma Triq Hal Dghejf murija bl-isfar u bhala Plot **6C** fuq il-pjanta **LD20A/87/2**; u
(b) Bicca art tal-kejl ta 137 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana ma proprjeta' ta Maria Vella, minn-Nofs inhar ma 21st September Avenue u mil-Lvant ma proprjeta' a John Stivala, murija bl-ahmar u bhala Plot **6D** fuq il-pjanta **LD20A/87/2;**
bhala liberi u franki, versu l-kumpens komplessiv stabbilit mill-periti assessuri fis-somma ta LM2450.

Jinnomina lin-Nutar Dr. Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment tal-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv fit-12 ta Lulju 2001 fit-3.30 p.m. fl-ufficju tar-rikorrent u jinnomina lill-Avukat Dr. Kathleen Zarb Adami sabiex tidher ghall-kontumaci fuq l-att.

L-ispejjes ta' din il-procedura u dawk tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt jithallsu mir-rikorrent.

Dritt tal-periti assessuri Lm15 kull wiehed oltre l-ispejjes inkorsi minnhom ghall-ispezzjoni tal-art.

--------------------------------TMIEM--------------------------------